## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Jannar, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 751/2021**

***JOSEPH BONELLO EŻERĊITANTI L-KUMMERĊ TAĦT L-ISEM J.B. CONCRETE MIX***

***VS.***

***JONATHAN SANT***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar it-tliet talbiet mressqa minn Joseph Bonello kontra Jonathan Sant;

### *Daħla*

2. B'rikors maħluf imressaq fit-**<u>30 ta' Lulju, 2021</u>**, ir-rikorrent fisser li huwa għandu jiġbor mingħand il-konvenut is-somma ta' €15,656.55, magħduda magħha t-taxxa fuq il-valur miżjud (TVM), dovuta minħabba radda ta' konkos, servizzi u miżati;

3. Ir-rikorrent jgħid li minkejja li huwa talab lill-konvenut biex iħallsu, kemm verbalment u kif ukoll bil-miktub, dan il-ħlas baqa' ma sarx;

4. Għalhekk billi skont ir-rikorrent is-somma ta' €15,656.55 hija ċerta, likwida u dovuta, u billi dejjem fil-fehma tar-rikorrent, l-imsemmi Jonathan Sant m'għandux eċċezzjonijiet xi jressaq kontra din it-talba għall-ħlas, huwa talab lil din il-qorti sabiex:

> *«1. Tilqa' t-talba tal-attur sabiex ir-rikors ġuramentat fl-ismijiet premessi jiġi deċiż bid-dispenza tas-smiegħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*
>
> *2. Tiddikjara lill-konvenut debitur tal-attur fis-somma ta' ħmistax-il elf, sitt mija u sitta u ħamsin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€15.656.55), liema ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut u jirrappreżenta bilanċ dovut mill-konvenut debitur lill-attur għal diversi konsenji ta' konkos, servizzi u charges; u*
>
> *3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' ħmistax-il elf, sitt mija u sitta u ħamsin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€15, 656.55).*
>
> *Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra legali tal-5 ta' Diċembru 2020 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat u bl-imgħaxijiet kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.»*

5. B'digriet kamerali mogħti fil-5 ta' Awwissu, 2021, il-qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors maħluf lil Jonathan Sant u tagħtu l-jedd li jekk irid iressaq nota fir-reġistru tal-qorti jew fl-udjenza, sabiex biha jattakka l-proċedimenti magħmula mir-rikorrent, bħala mhux regolari jew li ma jgħoddux għall-każ, u dan hekk kif jinsab imfisser fl-**artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

6. Għad li Jonathan Sant ġie notifikat bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni skont l-**artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, huwa għażel li ma jressaq l-ebda nota skont l-**artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex jikkontesta s-siwi ta' dawn il-proċeduri;

7. Hekk ukoll, l-imsemmi Jonathan Sant għażel li ma jidhirx għas-smigħ tal-24 ta' Jannar, 2022 biex jgħarraf lill-qorti jekk huwa għandux xi eċċezzjonijiet validi xi jressaq biex jikkontesta t-talbiet għall-ħlas imressqa mir-rikorrent;

***Fatti***

8. Joseph Bonello stqarr fl-affidavit tiegħu (ara paġna 7 tal-atti), li huwa jwettaq attivitajiet kummerċjali bl-isem ta' J.B. Concrete Mix;

9. Huwa jgħid li huwa ta lill-konvenut, «*diversi konsenji ta' konkos, servizzi u charges skont l-ordnijiet u fuq inkarigu tal-istess Jonathan Sant*». Skont rendikont li ġie mehmuż mar-rikors maħluf f'paġna 5 tal-atti, il-konvenut għandu jtih is-somma ta' €15,656.55, magħduda magħha t-taxxa fuq il-valur miżjud (TVM);

10. Fil-5 ta' Diċembru, 2020, ir-rikorrent qabbad lill-avukat tiegħu biex jikteb ittra lill-konvenut sabiex iwettaq dan il-ħlas (ara paġna 6 tal-atti), iżda dan il-ħlas baqa' ma sarx;

***Konsiderazzjonijiet***

11. Il-proċeduri sommarji (aktar magħrufa bħala l-proċeduri bil-giljottina), imsemmijin fl-**artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, huma minnhom infushom ta' natura eċċezzjonali għaliex dawn jitbiegħdu mill-prinċipju ġenerali tal-liġi li jrid li kawża għandha tinqata' wara li l-qorti tieħu qies tal-provi u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet kollha fil-kawża. Kemm hu hekk, fil-proċeduri bil-giljottina l-attur jitlob lill-qorti sabiex hija tgħaddi għas-sentenza tagħha fuq dak li jiġi mressaq lilha mill-istess attur u dan mingħajr il-possibilità ta' kontroll min-naħa tal-parti mħarrka;

12. Għalhekk kif ingħad f'***Emmanuel Bonello v. I.T. Properties Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Diċembru, 2005, «*F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tkun*

*mgħobbija b'responsabbilità akbar billi, mingħajr l-intervent tal-kontro parti, hu mistenni minnha li tilqa' t-talba kif proposta*»;

13. Il-liġi tagħti żewġ rimedji lill-imħarrek biex iwaqqaf il-proċeduri sommarji: (i) billi jqajjem permezz ta' nota li għandha tiġi ppreżentata fir-reġistru jew fl-udjenza, li l-proċedura bil-giljottina mressqa mill-attur, «*mhix regolari jew ma tgħoddx għall-każ*»; jew (ii) billi jġib prova *prima facie* li hu għandu eċċezzjonijiet tajba x'jagħti jew kontro-talba valida xi jressaq fil-mertu (ara ***Carmel Cortis v. Paul Fenech***, Appell Superjuri tal-11 ta' Mejju, 2015);

14. Il-konvenut huwa ħieles li jinqeda b'dawn iż-żewġ rimedji flimkien biex il-proċeduri ma jibqgħux bil-giljottina u jimxu skont il-proċedura ordinarja;

15. Jekk issir nota li l-proċedura mressqa mill-attur, «*mhix regolari jew ma tgħoddx għall-każ*» u din tiġi milqugħa mill-qorti, allura ma hemmx għalfejn li dik il-qorti tidħol fil-kwestjoni ta' jekk *prima facie* jidhirx li l-konvenut għandu eċċezzjonijiet tajba x'jagħti jew kontro-talba valida xi jressaq fil-mertu, għax f'dak il-każ il-qorti għandha mill-ewwel tawtorizza lill-konvenut biex jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu, kif provdut fl-**artikolu 170(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara *inter alia* ***Wings Couriers Ltd v. L-Avukat Dottor Leslie Cuschieri et nomine***, Appell Superjuri tas-16 ta' Frar, 2014);

16. Fil-każ tagħna, skont riferta misjuba f'paġna 13 tal-atti, Jonathan Sant ġie notifikat bil-proċedura tal-affissjoni fir-residenza tiegħu, fil-Kunsill Lokali tal-Mosta u fl-Għassa tal-Pulizija tal-Mosta, fil-jum tat-19 ta' Ottubru, 2021. Il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret fis-7 ta' Diċembru, 2021 (ara paġni 18 u 19 tal-atti), filwaqt li l-pubblikazzjoni fil-gazzetti lokali, *In-Nazzjon* u *The Times of Malta* saret nhar it-Tnejn, 27 ta' Diċembru, 2021 (ara paġni 21 u 22 tal-atti);

17. Billi skont l-**artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, «*in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet*

*pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard»,* in-notifika ta' Jonathan Sant għandha titqies li twettqet nhar il-**Ħamis, 30 ta' Diċembru, 2021**;

18. Minn meta twettqet in-notifika fit-30 ta' Diċembru, 2021, Jonathan Sant la ressaq nota biex jattakka r-regolarità tal-proċedura li jrid juża' r-rikorrent biex tinqata' din il-kawża; wisq anqas ma deher fis-smigħ tal-24 ta' Jannar, 2022 biex jipprova jikkonvinċi lill-qorti illi huwa għandu difiża tajba biex ixxejjen it-talbiet rikorrenti;

19. Xi ngħidu però dwar iż-żminijiet li fihom suppost għandhom jinżammu l-proċedimenti sommarji?;

20. Skont l-**artikolu 169 tal-Kap 12 tal-Liġijiet**, il-konvenut għandu jitħarrek quddiem il-qorti mhux aktar kmieni minn ħmistax-il jum u mhux aktar tard minn tletin jum min-notifika tar-rikors maħluf;

21. Kien hemm żminijiet fil-passat, qabel l-emendi tal-**Att XXIV tal-1995**, fejn in-nuqqas ta' ħarsien ta' dawn iż-żminijiet kien joqtol il-proċediment sommarju u jaqilbu fil-proċediment ordinarju (ara *inter alia* ***Saviour Cachia v. Boris Arcidiacono*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April, 1987 u ***Av. Victor Emanuel Ragonesi v. Helma mart Joseph Muscat Doublesin***, Appell Kummerċjali tat-23 ta' Jannar, 1991);

22. Madankollu, b'seħħ minn wara l-emendi tal-1995, il-pożizzjoni ma baqgħetx aktar hekk. Kemm hu hekk, fil-*proviso* tal-**artikolu 169** insibu li,

> *«fin-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu l-qorti ma għandhiex tieqaf timxi bi proċediment sommarju speċjali iżda għandha tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex id-drittijiet tal-partijiet ma jiġux preġudikati»*;

23. Bis-saħħa ta' din il-*proviso*, il-qrati tagħna aċċettaw u żammew ħajjin proċediment sommarji: (i) kemm f'qagħdiet fejn il-kawża ġiet appuntata f'inqas

minn ħmistax-il jum min-notifika, jekk il-konvenut kien deher fl-udjenza flimkien mal-avukat tiegħu biex jiddefendi ruħu (ara ***Pauline Vella Moran v Paul Abela*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2008 u ***Emanuel sive Noel Muscat v. Helen Ciantar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2021); (ii) hekkda f'sitwazzjonijiet fejn il-kawża ġiet appuntata f'inqas minn ħmistax-il jum min-notifika u deher biss il-konvenut waħdu, mingħajr l-avukat, biex jiddefendi ruħu (ara ***Mario Valentino et v Anthony Cassar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2009) jew inkella meta l-konvenut ikun laħaq ippreżenta n-nota skont l-**artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara ***B&B Property Development Co. Ltd v. Paul Barun*** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2021); u (iii) kif ukoll f'qagħdiet fejn il-kawża ġiet appuntata aktar tard minn tletin jum min-notifika tal-konvenut (ara ***Banif Bank (Malta) p.l.c. v. Pierre Debono et***, deċiża dan l-aħħar mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2021);

24. Fil-każ tagħna l-ewwel terminu tal-ħmistax-il jum ġie osservat f'dan il-każ, għaliex wara n-notifika tal-konvenut fit-30 ta' Diċembru 2021, il-qorti ċaqalqet id-data tal-kawża għall-24 ta' Jannar, 2022 biex il-konvenut ikollu l-ħmistax-il jum imsemmi fl-**artikolu 169 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta**. Hekk ukoll, ġie mħares it-tieni terminu tat-tletin jum, għaliex il-kawża ma saritx wara tletin jum min-notifika;

25. F'ċirkostanzi bħal dawn, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni min-naħa tal-konvenut, din il-qorti m'għandhiex triq oħra ħlief li tissokta billi timxi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, hekk kif jgħid u jrid l-**artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

26. Dwar l-imgħax mitlub mir-rikorrent, il-qorti tqis li l-kreditu mitlub minnu ġej minn operazzjoni kummerċjali dwar il-provvista ta' konkos u servizzi ġewwa l-inħawi ta' tas-Sliema, is-Siġġiewi, Birżebbuġa u l-Bidnija (ara paġna 5 tal-atti);

27. Darba għalhekk li din l-operazzjoni kummerċjali nżammet bejn intrapriżi wara l-1 ta' Lulju, 2005, allura l-imgħax li jrid jitħallas mhuwiex soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-**artikoli 1139** sa **1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** iżda

huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-**artikoli 26A** sa **26J tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**, kif dawn ġew emendati bl-**Avviżi Legali tal-2012** u **tal-2014** (ara f'dan is-sens ***Blye Engineering Co. Ltd v. Allegro Andante Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju, 2010 u ***Godwin Gatt v. Joseph Camilleri et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Ottubru, 2021). Jekk wieħed iħares lejn it-tifsira ta' intrapriża, kif miġjuba fl-**artikolu 26A tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**, wieħed isib li hemm magħdud magħha, persuna li twettaq attività ekonomika waħidha;

28. Skont il-**Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta)**, l-interess legali li jrid jitħallas bejn intrapriżi għandu jkun imgħax sempliċi bbażat fuq rata li tkun ugwali għas-somma tar-rata ta' referenza u għallinqas tmienja fil-mija (8%) (ara **artikolu 26A tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**). Fil-preżent, ir-rata ta' referenza maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew hija ta' 0,00 %. Jiġi b'hekk, li r-rata tal-imgħax applikabbli f'dan il-każ għandha tkun ta' 8% fis-sena;

29. Illi kreditur jista' jipproċedi bit-talba ta' imgħax għall-ħlas tardiv kontra d-debitur mingħajr ma jfakkar lid-debitur li l-ammont hu dovut (ara **artikolu 26Ċ(2) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**) u l-kreditur ikollu d-dritt għall-imgħax minħabba ħlas tardiv mill-ġurnata li tiġi wara d-data jew wara t-terminu għall-ħlas stabbilit fil-kuntratt (ara **artikolu 26Ċ(3) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**);

30. Minkejja kull liġi oħra, il-perijodu għall-ħlas iffissat f'kuntratt ma jistax jaqbeż sittin ġurnata kalendarja, iżda l-partijiet jistgħu speċifikatament jiftiehmu dwar perijodu itwal, sakemm din l-estensjoni taż-żmien ma tkunx manifestament inġusta għall-kreditur (ara **artikolu 26Ċ(4) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**).

31. Fil-każ tagħna, il-qorti m'għandhiex tagħrif mill-atti tal-kawża jekk bejn il-partijiet kien hemm miftiehem xi terminu ta' żmien għall-ħlas tas-servizz. Għalhekk fin-nuqqas ta' prova dwar id-data jew it-terminu għall-ħlas, il-qorti tqis li l-imgħax

għandu jinħadem skont id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* tal-**artikolu 26Ċ(3) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta** sad-data tal-ħlas effettiv;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **<u>Tilqa'</u>** l-ewwel talba tar-rikorrent biex tipproċedi għas-sentenza mingħajr smigħ skont l-**artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; u

ii. **<u>Tilqa'</u>** t-tieni u t-tielet talba tar-rikorrent u b'hekk tiddikjara u tikkundanna lil Jonathan Sant iħallas lir-rikorrent is-somma ta' €15,656.55, bl-imgħax bit-8% fis-sena, li jibda għaddej skont id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* tal-**artikolu 26Ċ(3) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta** sad-data tal-ħlas effettiv;

**<u>Tordna</u>** wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri, magħdud magħhom l-ispejjeż marbuta mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li sar flimkien ma' din il-kawża, jitħallsu kollha kemm huma minn Jonathan Sant.

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**